MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 316/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carlos Cordina)**
**Vs**
**Adrian Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-23 t’Awwissu, 2008, ghall-habta ta’ 22.45 hrs bhala persuna li ghandu l-licenzja tal-hanut tal-imbid jew xort spirituz bl-isem ta’ Venue Bar & Restaurant gewwa Blue Grotto Avenue, Zurrieq, ippermetta tlett it-tfal taht is-16 il-sena biex jidhlu fil-post imsemmi, Kap. 10 L.S 10.40 Art. 6(2).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Lulju, 2009, li biha, wara li rat ir-regolamenti 2 u 6 tal-L.S. 10.40 (Regolamenti biex jinzamm il-Bon Ordni f’lokalitajiet ta’ Divertiment), sabet

lill-appellant hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu w ikkundannatu multa ta’ sitt mija w disgha w disghin Euro (€699).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta’ Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuza migjuba kontrih u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti, u dan peress illi minn l-atti processwali minn imkien ma jirrizulta illi fil-fatt, l-appellant huwa l-propjetarju ta’ l-istabbiliment imsemmi. Jekk wiehed jara r-regolament tal-ligi citat fis-sentenza, ta’ liema ksur l-appellant instab hati ossia, r-regolament 6 u s-sub regolament 5 ta’ L.S. 10.40 (Regolamenti biex jinzamm il-Bon Ordni f’Lokalitajiet ta’ Divertiment), jirrizulta car u ampju illi r-responsabilita’ illi ma jidhlux persuni minuri fl-istabbiliment, tinkombi fuq il-propjetarju tal-fond. F’dan il-kaz, il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova illi l-appellant huwa fil-fatt il-propjetarju tal-fond imsemmi, u dan peress illi naqset milli tingungi xhieda jew ta’ l-anqas tipprovdi dokumentazzjoni f’dan is-sens.
Solitament, f’kazijiet simili dejjem jigi ngunt rapprezentant ta’ l-M.T.A illi jixhed dwar il-licenzja tal-fond in kwistjoni, u dwar il-kundizzjonijiet ta’ l-istess. Fil-kaz in ezami, dan ir-rapprezentant ma tharrikx, u ghalhekk il-prosekuzzjoni naqset milli tipprovdi l-ahjar prova. Din il-qorti ghalhekk ma tistax tistrieh fuq suppozizzjonijiet u ipotezijiet fin-nuqqas ta’ hard evidence li ghal xi raguni l-prosekuzzjoni ghazlet li ma tipproducihiex.
Lanqas ma giet esebita kopja tal-licenzja ta’ l-istess stabbiliment u ghalhekk ma ngabet ebda prova illi l-fond in

kwistjoni m'ghandux perrmess sabiex fih jidhlu persuni minuri, hekk kif jipprovdu l-istess regolamenti.

Jirrizulta ghalhekk illi a bazi ta' dawn l-aggravji, l-appellant qatt ma seta jinstab hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, u dan peress illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipproduci lil dawn it-tlett persuni allegatament minuri bhala xhieda essenzjali meta wiehed iqis il-fatti speci ta' dan il-kaz. Fi proceduri simili, l-prosekuzzjoni dejjem tingungi lil dawn il-persuni quddiem il-Qorti tal-Magistrati sabiex jikkonfermaw il-presenza taghhom fil-lok, hin u post imsemmi. Il-prosekuzzjoni naqset ukoll milli tipprovdi ta' l-anqas id-dettalji ta' dawn it-tlett persuni. Lanqas imqar ma ndikat isimhom jew kif waslet biex ikkonkludiet illi dawn il-tlett persuni kienu ghaliha minuri. Fil-fatt fl-affidavit tal-Pulizija li kienu fuq il-post ma hemm indikat ebda tip ta' informazzjoni rigwardanti dawn it-tlett persuni illi allegatament kienu fil-post imsemmi. Dan ifisser illi l-prova illi kien hemm tlett minuti prezenti fil-fond imsemmi ma saritx. La jkun safe u lanqas reasonable, illi l-Qorti tistrieh esklussivament fuq l-affidavit tat-tlett Pulizija, meta dawn naqsu illi jgibu prova konkreta in sostenn ta' dak li xehdu. Inoltre, fin-nuqqas ta' tali prova, din il-Qorti ma tistax tqies illi dawn it-tlett persuni kienu vera minorenni minn imkien ma jirrizulta. Fil-kamp penali, l-prosekuzzjoni obbligata illi tipprovdi l-kaz taghha b'kull prova possibbli kemm favur u kemm kontra persuni illi tkun ghaddejja proceduri kriminali quddiem il-Qorti.

Fl-aghar ipotesi, anke jekk din il-Qorti jidhrilha illi l-prosekuzzjoni rrnexxielha tipprova l-kaz taghha skond il-ligi, l-appellant jilmenta illi xorta ma kellux jinstab hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u dan ghar-ragunijiet suesposti.

Fil-proceduri odjerni xehed bhala xhud in difesa Philip Fenech, rapprezentant tal-G.R.T.U li spjega illi f'Malta l-prassi hi illi minuri jithallew jidhlu gewwa postijiet hekk imsejha ta' divertiment desiganted bhala restaurants anke jekk ikunu jbieghu inbid jew xorb spirituz, fil-bar taghhom kif fil-fatt fil-prattika kollha jaghmlu. Fil-fatt spjega illi ghalkemm kull restaurant f'Malta jbiegh xorb ta' dan it-tip,

huwa normali illi l-minuri jaccedi f'dawn il-postijiet (restaurants li maghhom ikollhom il-bar) u minghajr ma l-Pulizija tiehu ebda passi kriminali fil-konfront taghhom. Jekk din il-Qorti kellha taccetta d-definizzjoni restrittiva li tat l-Ewwel Qorti, ossia illi restaurant huwa post ta' divertiment jekk ibiegh xorb spirituz u inbid, u ghalhekk ikollu anke bar allura ebda minuri ma jkun jista' jaccedi go fihom fin-nuqqas ta' permess specifiku. L-appellant umilment jissottometti illi l-legislatur qatt ma kellu f'mohhu illi jaghti daqshekk definizzjoni restrittiva ta' dan ir-regolament, fejn restaurant ghax ghandu l-bar jitqies post ta' divertiment.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi fit-23 t'Awissu, 2008 ghall-habta ta' 22.45 hrs, PC 1114 Marlon Hili, PC 1149 Aaron Debono u PS 850 Simon Buttigieg accedew fil-fond "The Venue Bar and Restaurant" illi hemm fi Vjal Blue Grotto, Zurrieq, u hemmhekk sabu tlett itfal taht l-eta'.

PS 850 kellem lil Adrian Attard li ddentifika ruhu bhala "licensee" tal-fond u qallu illi kien se jiehu passi kontra tieghu talli ppermetta minnu fil-fond tieghu.

L-akkuza giet ipprezentata quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-25 t'Ottubru 2008 u s-sentenza nghatat fl-14 ta' Lulju 2009, fejn il-Prim'Istanza sabet lill-appellant hati.

Quddiem dawn il-proceduri tela' jixhed Philip Fenech li huwa deputat president tal-GRTU u rraprezenta l-"hospitality sector". Is-sur Fenech spjega illi huwa minnu illi fondi fejn jinbieghu xorb alkoholiku, tfal taht l-eta' cioe' taht sittax il-sena ma jidhlux pero' fil-prattika din tapplika biss ghan-"night clubs" u "wine bars". Fil-kazini u bars u pastizzeriji li wkoll ikollhom licenzja biex ibieghu l-ispirti tfal jidhlu.

Id-difiza argumentat illi l-unika prova illi kellha l-Qorti quddiemha kienu tlett affidavit tal-Pulizija fejn sabu tlett itfal fil-hanut. Ma qalux min kienu dawn it-tfal u lanqas ma

giet prodotta l-licenzja tal-appellant. B'dawn in-nuqqas ta' provi l-appellant messu gie lliberat.

Ikkunsidrat :

Din il-Qorti ma jidirlix illi dana huwa l-kaz. L-affidavits huma provi permessi mill-Ligi u jekk l-appellant deherlu illi kellu jikkontesta tali affidavit hemm il-mezz kif seta' jaghmel dan.

L-appellant qatt ma nnega illi huwa ma kienx responsabbli ghal hanut u lanqas ma nnega illi kien hemm tfal taht l-eta' fil-hanut tieghu.

Ma hemmx dubju illi l-lokalita' li kien qed jiggestixxi l-appellant, kwalifika bhala lokalita' ta' divertiment fl-isfond tar-regolamenti 2 tal-LS 10.40 u l-prosekuzzjoni ma kienitx obbligata illi tipproduci l-licenzja tal-fond sakemm ma kienx hemm oggezzjoni minn naha tal-appellant illi l-fond imsemmi ma kienx wiehed li jirreferi ghalih ir-regolament fuq imsemmi. Ladarba dan ma giex kontestat kwindi l-Ewwel Qorti ghamlet sew fejn qaghdet fuq ix-xhieda tal-Pulizija fl-affidavit taghhom.

Illum il-Ligi illi tkopri dawn il-fondi huma dawk ippubblikata permezz ta' regolamenti biex jinzamm il-bon ordni fil-lokalitajiet tad-divertiment fil-5 ta' Settembru 1995 LS 10.40 u l-ahhar emenda saret bl-Avviz Legali 93 tal-2008.

Ghalhekk il-Qorti trid tapplika din il-Ligi kif inhi u mhux kif ghandha tkun. Jekk il-GRTU jidhrilha illi ghandha jkun hemm xi emendi dejjem tista' taghmel il-proposti taghha f'dan ir-rigward u jekk kazini, bars jew pastizzeriji li jkollhom licenzja biex ibieghu lis-spirti m'ghandhomx ikunu kolpiti b'dawn ir-regolamenti, hija kwistjoni tal-legislatur u mhux ta' din il-Qorti.

Hu x'hinu f'dan l-istadju rrizulta ampjament ippruvat illi dak inhar tal-akkuza kien hemm persuni taht l-eta' fil-fond gestit mill-appellant u ma rrizultax illi ha xi mizuri sabiex dawn il-minuri jitkeccew mill-fond.

Ghalhekk f'dak l-istadju skatta l-vot tal-Ligi fil-konfront tieghu w ghalhekk id-decizjoni tal-Ewwel Qorti kienet wahda korretta w setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha fuq il-provi li kellha quddiemha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------